**16 ta' Marzu, 1963**

**Imħallef:**

**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Alfred Attard

**"Skidding"**

*Il-prinċipju regolatur in materja ta' "skidding" ma jistax ikun ħlief illi "skid" waħedha ma hijiex la prova ta' negliġenza u lanqas skriminanti; hemm bżonn illi jiġi indigat jekk kienx hemm negliġenza anteċidenti jew konkomitanti: jekk negliġenza simili tirriżulta, allura hemm ir-responsabilità l-istess, nonostante l-"skid", jekk ma jirriżultax, allura l-"skid" hija a good defence" għax tkun* "inevitable accident".

Il-Qorti, rat is-sentenza reża mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta fit-tnax (12) ta' Frar 1963, li biha l-imputat ġie misjub ħati talli saq b'manjera perikoluża, u mhux fuq in-naħa tax-xellug tat-triq, u ġie kundannat għall-piena tal-multa ta' ħames liri (£5) u skwalifikat mill-liċenzji kollha tas-sewqan għal żmien tliet (3) xhur;

L-imputat appella;

Ikkunsidrat:

**Bħala** fatt, l-addebitu hu li l-imputat, li kien qed isuq car, saq b'manjera perikoluża in kwantu li baqa' tiela' fuq il-bankina tat-triq. L-appellant, konfrontat minn din l-imputazzjoni, x'ħin bagħat għalih is-Surġent Vella, qal li meta dar il-kantuniera hu kien sorpriż b'għadira ilma tas-sapun fit-triq, u skiddja;

Fil-fatt, irriżulta mill-provi, — dawk stess **in offensis** — illi, mnejn kien għaddej l-imputat, kien hemm għadira ta' ilma maħmuġ tal-ħasil **bis-surf,** li kienet tefgħat waħda mara minn katusa tal-bitħa tagħha, u li ġiet kundannata għal din il-**kon**travenzjoni. Irriżulta wkoll il-fatt stess ta' li skid, tant mil li **skid marks,** kemm ukoll mix-xhieda. Hu risaput li **s-surf** jagħmel l-ilma jiżloq daqs, jek aktar mis-sapun stess, — infatti fil-kartonċini tas-**Surf** tintuża l-espressjoni "**surf-suds**", l-istess kif jingħad **soap suds,** u jingħad ukoll "lathers like magic". Irriżulta anki li l-bankina, f'dak il-post, hi baxxa, u għalhekk ċar li jiskiddja ma jinkontrax resistenza.

**Issa** din il-Qorti, kif preżentement kostitwita, kellha diġà okkażjoni tistudja **funditus** l-aspett ġuridiku ta' li **skidding** f'dawn l-inċidenti stradali, u kienet **inter alia** qalet anke hekk (Ara App. Krim. Pul. v. Cachia II Diċ. 1954) —

> "Għalhekk il-prinċipju regolatur in materja ma jistax ħlief ikun dan — li skid waħedha ma hijiex la prova ta' negliġenza, u lanqas skriminanti — hemm bżonn li jiġi indagat jekk kienx hemm negliġenza anteċedenti jew konkomitanti (p.e. speed żejjed, applikazzjoni bruska tal-brakes, tyres bil-grooves mikulin, fatturi li jgħinu li skidding, barra oħrajn). Jekk negliġenza simili tirriżulta, allura hemm ir-responsabilità l-istess, nonostanti li skid, — jekk ma tirriżultax, allura li skid hija "a good defence" għax tkun **inevitable accident,** — infatti, skid tista' tiżviluppa minħabba tibdil tar-road camber, **minħabba** xi

patch ta' żejt, ta' butturi oħra, minħabba l-"hopping" ta' rota għax ikun hemm ħotba fit-triq ecc. (ara ċitaz. mill-ktieb Autocar fol. 30). L-awtur tal-ktieb The Motor — How to drive a car jikkwalifika li skid bir-raġun bħala "*one of the most disconcerting misdemeanours a car is heir to*".

Dan l-insenjament jinsab ukoll fis-sentenza, mogħtija mill-Qorti tal-Appell, Sedi Superjuri (Pres. Sir Luigi Camilleri, Imħallfin Onor. Dr. Gouder u l-Imħallef issa sedenti) fil-kawża Borg vs. Crockford, 18 April 1952, fejn hemm ċitati sentenzi tal-Qorti Ingliża u d-dottrina ingliża in proposito, fl-istess sens **supra**.

Ikkunsidrat:

*Issa, fil-każ preżenti* l-provi jeskludu in-negliġenza anteċedenti jew konkomitanti tal-imputat. Hu ma kienx qed isuq bi speed eċċessiv. Ma jirriżultax li, meta dar il-kantuniera fejn **ex abrupto** sab ruħu fl-għadira tal-ilma maħmug, kien qed idur irregolarment jew fuq in-naħa ħażina. It-triq, f'dak *il-pont tad-dawra*, hi idjaq, xi għaxar (10) piedi jew ftit inqas, — il-wisa' tal-car hu ħames (5) piedi u ftit iżjed, — għalhekk tabilfors, meta dar, speċjalment peress li, fid-dawra, id-driver għandu tabilfors iħalli ftit spazju mix-xewka tal-kantuniera, l-appellant sab ruħu fl-għadira, avolja din kienet tibda mill-*lemin tat-triq* u kienet inxterdet lejn in-nofs, għax il-car tiegħu tabilfors kien jinoltra 'l hemm mill-linja medjana tat-triq, stante id-djuqija tagħha f'dak il-pont (li fiha lanqas jgħaddu żewġ light cars (xhud Amabile Briffa) u l-wisa' tal-car, u b'hekk il-car tal-appellant ġie mixħut, bl-iskid, fuq il-bankina li hi baxxa, kif urew l-istess **skid marks** tat-tyres, skond ix-xhieda tal-istess Amabile Briffa. Dan ix-xhud qal li anke jekk wieħed x'ħin ikun qed idur mill-angolu, ikun bogħod tmintax (18) il-pulzier biss mill-bankina, kien biżżejjed f'dan il-

każ biex jiġi ġewwa l-għadira.

Taħt dawn iċ-ċirkostanzi ma jistax jingħad li kien hemm sewqan perikoluż, għax jidher li l-imputat ġie mitfugħ fuq il-bankina minħabba li ġie sorpriż, bla ebda ħtija tiegħu antecedenti jew konkomitanti, bl-għadira tal-ilma saponat, li żviluppat inkontrollabili.

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċiedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-imputat mhux ħati u tordna li jiġi liberat.